## 7 ta' April, 1967

**Imhallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A., Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Spiridione Lorenzo Mizzi et noe

*versus*

Edgar Tabone

**Sekwestru — Mandat ta' — Nullità — Inibizzjoni — Kreditu — Interpretazzjoni ta'**

*Fil-mandat ta' sekwestru kreditu huwa kull dritt jew azzjoni personali jew patrimonjali eżerċitabbli, u dan jista' jinħareġ biex jikkawtela l-istess. Imma meta l-iskop li għalih jinħareġ mandat ta' sekwestru ma jkunx li l-persuna li tottjeni l-ħruġ tiegħu tithallas mill-oġġetti sekwestrati, imma li tinibixxi lis-sekwestrat mill-użu ta' dawk l-oġġetti, allura dak is-sekwestru jkun irritwali u null.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina illi biha l-atturi nomine — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; — wara li ppremettew illi in forza ta' mandat ta' Sekwestru numru 95/1967, maħruġ minn dik l-Onorabbli Qorti fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar, 1967 (li kopja tiegħu hija hawn annessa u markata Dok. X), il-konvenut issekwestra f'idejn Paul Mifsud għad-ditta "Mifsud Brothers Limited" merkanzija prodotta mid-ditta Zoppas destinata lid-

ditta attrići; illi fl-imsemmi Mandat il-konvenut allega illi d-ditta attrići kisret il-kuntratt ta' l-aġenzija li l-konvenut kellu mad-ditta Zoppas u peress illi dana mhux minnu iżda wkoll id-ditta attrići ma għandha ebda relazzjoni mal-konvenut u illi d-ditta attrići xtrat l-imsemmija merkanzija tal-valur ta' tliet elef, tliet mija, erba' u tmenin lira, dsatax-il xelin u erba' soldi (£3384.19.4) li tinsab sekwestrata u bil-ħruġ tal-Mandat fuq imsemmi qegħda u għad issofri danni kbar; talbu illi, għar-raġunijiet premessi jiġi dikjarat u deċiż li l-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi numru 93/1967 ġie maħruġ kontra d-ditta attrići mingħajr dritt jew ebda ġusta kawża u 2) ma għandhix il-Qorti tordna r-revoka ta' l-imsemmi mandat ta' sekwestru numru 93/1967 fl-ismijiet "Edgar Tabone vs Spiridione u Maurice Mizzi għad-ditta Mizzi Brothers Limited", u r-relativi esekuzzjoni tiegħu; b'riserva għal kull dritt u azzjoni kompetenti lid-ditta attrići kontra l-konvenut għall-ħlas ta' danni u penali skond il-liġi. Bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa;

1. Illi lilu kien ġie mogħti d-dritt esklusiv tal-bejgħ f'Malta ta' refrigerators, cookers, washing machines tad-ditta F. Zoppas s.p.a. ta' Conegliano, Treviso, Italia, għaż-żmien mis-seba' (7) ta' Lulju 1966 sal-31 ta' Awissu, 1967;

2. Illi l-imsemmija Ditta Zoppas ippretendiet li tittermina arbitrarjament dina l-konċessjoni u bagħtet l-imsemmijin artikoli lid-Ditta attrići illi evidentement kienet konsapevoli bil-konċessjoni a favur tal-konvenut.

3. Illi għalhekk l-eċċipjenti għandu id-dritt li jimpedixxi lid-ditta attrići illi tieħu l-pussess ta' l-artikoli sekwestrati u tbiegħ l-istess artikoli billi dan jimporta vjolazzjoni tal-konċessjoni esklusiva a favur tiegħu. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-20 ta' Marzu, 1967 li biha t-talba ta' l-atturi ġiet miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom wara li kkunsidrat —

Omissis;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li s-sentenza appellata tiġi revokata billi tiġi milqugħa t-talba tagħhom bl-ispejjeż kollha kontra l-appellat.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u tisthoqq konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat

Bil-verbal tat-13 ta' Marzu, 1967, il-partijiet qablu illi "għal mument, biex il-Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha, tidħol biss fil-kwistjoni jekk id-Ditta "Zoppas" setgħetx tittermina l-kuntratt li kellha mal-konvenut, indipendentement minn ġusta kawża." Peress illi m'hemm xejn fil-proċess, wara dan il-verbal u sa kemm ingħatat is-sentenza appellata, li juri li kellu jsir xort'oħra, id-deċiżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti setgħet tkun limitata għal dik il-kwistjoni biss. Fis-sentenza appellata, però, wara li l-ewwel Onorabbli Qorti risolviet dik il-kwistjoni u rriteniet illi t-talba ta' l-appellanti ma setgħetx tirnexxi fuq il-konsiderazzjoni li l-konċessjoni esklusiva tal-appellat ma setgħatx tiġi revokata mid-Ditta Zoppas purament u sempliċement, imma jekk biss ikun hemm ġusta kawża skond it-termini ta' l-agreement, jissokta jingħad:

> "Però fil-fehma tal-Qorti hemm konsiderazzjonijiet oħra l-għala t-talba ta' l-atturi ma hiex sostnuta. L-atturi qegħdin jitolbu r-revoka tas-sekwestru '*de quo*' għaliex ġie maħruġ mingħajr dritt u ġusta kawża, stanti li l-kon-

venut kien ippretenda mhux biss li d-ditta attriċi (Mizzi) kisret il-kuntratt li l-konvenut kellu mad-Ditta Zoppas, imma anki għaliex Mizzi Brothers ma għandhom ebda *relazzjoni mal-konvenut*, u *l-istess merkanzija sekwestrata* ġiet mixtrija mill-atturi. Wieħed però ma għandux jinsa li si tratta ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ fuq ir-responsabbilità tal-konvenut biex jissalvagwardja l-pretensjoni tiegħu kontra l-atturi. Jekk il-kuntratt inkisirx jew le', wieħed jarah meta l-konvenut jiddeduċi l-kawża tiegħu wara s-sekwestru, u jekk ma hemmx relazzjoni kontrattwali bejn l-atturi u l-konvenut, jista' jkun hemm dejjem relazzjonijiet oħra li jistgħu jiġġustifikaw il-pretensjoni tal-konvenut kontra l-atturi: jekk imbagħad il-merkanzija hija ta' l-atturi s-sekwestru huwa in regola għaliex li skop u l-funzjoni tal-mandat ta' sekwestru huwa *appuntu illi flus jew oġġetti oħra li jinsabu f'idejn* ħaddieħor ma jgħaddux f'idejn id-debitur. Issa jekk il-konvenut tajjeb jew ħażin jippretendi li l-atturi ma għandhomx ibiegħu huma l-oġġetti li importaw min għand id-Ditta Zoppas, rimedju tajjeb kien proprju li ma jitħalliex li dawn l-oġġetti jgħaddu f'idejn l-atturi, salvi l-konsegwenzi kollha jekk il-pretensjoni tiegħu f'sede propria tirriżulta infondata."

Fil-verità, rigward l-ewwel tnejn minn dawk il-konsiderazzjonijiet, l-ewwel Onorabbli Qorti ma esprimiet ebda opinjoni definitiva. Fi kliem ieħor, rigward il-kwistjoni jekk jistax jingħad tassew — *kif jgħid l-appellat u qal fil-proċeduri tas-sekwestru* — illi l-appellanti "*kisru l-kondizzjonijiet u l-istipulazzjonijiet* tal-kuntratt bejnu u bejn Zoppas", u fuq il-kwistjoni jekk bejn l-appellanti u l-appellat hemmx xi relazzjonijiet tali li jintitolaw lill-appellat li jistitwixxi proċeduri kontra tagħhom — l-ewwel Onorabbli Qorti ħalliet id-deċiżjoni għall-kawża dedotta mill-appellat in segwitu għas-sekwestru. U ġaladarba m'hemmx fuq dawn il-kwistjonijiet ebda deċiżjoni

vera fis-sentenza appellata — u anqas suppost kellu jkun hemm skond il-verbal fuq imsemmi — din il-Qorti mhix sejra tesprimi f'dan l-appell ebda opinjoni fuqhom. Preżumibilment kif din il-kawża preżenti ġiet ġustament trattata bl-urġenza, hekk ukoll tiġi speditament trattata l-kawża issa istitwita mill-appellat wara s-sekwestru.

Mill-istess verbal tat-13 ta' Marzu, jidher ukoll li kien hemm kwistjoni oħra imqanqla mill-appellanti li, ma ġietx diskussa u deċiża fis-sentenza appellata. Din hi l-kwistjoni li toħroġ mill-klawsola Nru. 12 tal-kuntratt tal-konċessjoni li tirriżerva esklusivament lill-Qorti ta' Treviso skond il-liġi Taljana d-deċiżjoni ta' kwalunkwe "dispute which may arise in connection with the execution, interpretation and resolution of the present Concession". Anqas fuq din il-kwistjoni, mela, din il-Qorti m'hi ser tesprimi ebda opinjoni f'dan l-appell.

Dwar il-kwistjoni, però, jekk, ġaladarba l-appellanti kienu, ki f jgħidu huma, xtraw mingħand id-Ditta Zoppas il-merkanzija sekwestrata, is-sekwestru kienx proċedura appropriata meħud rigward tal-pretensjoni ta' l-appellat kif esposta firrikors għas-sekwestru u fl-istess formula tas-sekwestru, hemm deċiżjoni fis-sentenza appellata u għalhekk din il-Qorti tista' u għandha ċertament tieħu konsiderazzjoni tagħha. Anzi, hi l-unika kwistjoni li f'dan l-appell ser tiġi deċiża u dan għaliex, trattandosi ta' kwestjoni ta' proċedura, għandha titqies ta' natura preġudizjali; inoltre l-appell jista' jiġi deċiż għab-bażi tagħha, b'mod li jistgħu jibqgħu impreġudikati kwistjonijiet oħra li jistgħu jqumu u hu sewwa li jkunu eventwalment kunsidrati fil-kawża dedotta wara s-sekwestru. Għalhekk il-Qorti anqas ser tikkunsidra u tiddeċidi fuq il-kwistjoni prinċipalment diskussa u deċiża fis-sentenza appellata ċioè jekk il-konċessjoni ta' esklusività biex mandat li jista' jiġi revokat mill-konċedenti "ad nutum".

Ikkunsidrat —

Dwar il-kwistjoni tar-regolarità jew le tas-sekwestru maħruġ mill-appellat, l-ilment ta' l-appellanti, kif formulat fil-petizzjoni ta' l-appell kien fis-sens illi l-appellat ma kellux dritt jottieni -ħruġ ta' mandat ta' sekwestru iżda talvolta ta' mandat ta' inibizzjoni billi m'hemmx relazzjonijiet ta' kreditur u debitur bejn il-kontendenti u di più, meta l-istess appellat iddeduċa l-azzjoni hu talab inibizzjoni. Fit-trattazzjoni orali, però, l-appellant speċifika aktar fid-dettal l-irregolaritajiet li huma jgħidu li saru fil-ħruġ tas-sekwestru u żiedu jgħidu li fil-każ preżenti ma jirrikorrux l-elementi għall-ħruġ ta' sekwestru.

Fil-fehma ta' *din il-Qorti* dan l-ilment dwar l-irregolarità tas-sekwestru hu ġustifikat. Li skop tal-mandat ta' sekwestru hu li jiġu issekwestrati f'idejn is-sekwestratarju flus jew ħwejjeġ mobbli tad-debitur li minnhom il-kreditur jista' jitħallas tal-kreditu tiegħu. Il-Qorti tirrikonoxxi illi l-kliem "debitur" "kreditur" u "kreditu" f'din il-kontest m'għandhomx jiġu meħudin fis-sens ristrett b'mod li jikkomprendu biss ir-rapporti pekunjarji li jistgħu jinterċedu bejn żewġ persuni, iżda għandhom jiġu interpretati skond sinjifikat aktar lat b'mod illi bi "kreditur" wieħed jifhem kull min għandu dritt jew azzjoni personali u patrimonjali x'jeżerċita kontra persuna oħra — b'"debitur" dak li kontra tiegħu jista' jiġi eżerċitat dak id-dritt jew azzjoni, — u bi "kreditu" d-dritt jew azzjoni eżerċibbli.

Iżda li skop ta' l-appellat fil-ħruġ tas-sekwestru in kwistjoni ma kienx dak li jissekwestra ħwejjeġ ta' l-appellanti li minnhom sata' jitħallas tal-kreditu tiegħu kontra tagħhom.

L-ewwelnett, sew fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat kemm fil-forma tal-mandat stess, l-appellat, għalkemm allega illi appellanti "kisru l-kondizzjonijiet u li stipulazzjonijiet" ta'

kuntratt tal-konċessjoni ta' l-esklusivita, ma identifika jew l-deskriva bl-ebda mod in-natura tal-kreditu jew azzjoni li jippretendi *kontra* tagħhom.

Imbagħad, sew fir-rikors kemm fil-formula, hu issekwestra — jew *qal li jrid jissekwestra* — **mhux flus jew ħwejjeġ ta' l-appellanti** iżda ħwejjeġ **tad-Ditta Zoppas.** Fil-premessi tar-rikors l-appellat qal illi f'idejn Mifsud "hemm jew jista' jkun hemm ħwejjeġ **tad-Ditta Zoppas"**, u fit-talba finali talab li l-Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru f'idejn Mifsud **għal ħwejjeġ tad-Ditta Zoppas** kontra l-appellanti. Similment fil-formula tal-Mandat l-appellat semma li qed jissekwestra f'idejn Mifsud flus jew ħwejjeġ **tad-Ditta Zoppas.** F'dawn il-kontesti hu assolutament bla dubju illi l-kliem "tad-Ditta Zoppas" jirriferixxu **għall-proprieta** tagħhom u mhux għas-sempliċi **marka.** Iċ-ċirkostanza li **bħala fatt** il-ħwejjeġ sekwestrati jistgħu jkunu ta' l-appellanti għax, kif jingħad fil-proċess xtrawhom, ma jagħmilx differenza għall-finijiet in diskussjoni dwar ir-regolarità u l-korrettezza tas-sekwestru.

Skop evidenti ta' l-appellat kien li jimpedixxi lill-appellanti li jirtiraw il-merkanzija jew li jispaċċawha fis-suq ta' Malta billi jippretendi li dan ikun jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-konċessjoni mogħtija *minn* Zoppas lilu: u dan ir-riżulta bl-aktar mod manifest miċ-ċitazzjoni ta' l-istess appellat in segwitu tas-sekwestru fejn talab unikament l-inibizzjoni ta' l-appellanti milli jirtiraw u jiddisponi mill-merkanzija.

Il-mandat kawtelatorju li, **għal dak li skop** l-appellat sata' jitlob kien dak talvolta ta' inibzzjoni kawtelatorja imma **mhux** dak ta' sekwestru.

L-appellat issottometta fit-trattazzjoni illi **n-natura** tażżewġ provvedimenti hi l-istess dik ċioè li **jikkonserva** d-dritt.

Iżda, fil-fehma tal-Qorti, dan ma jistax ikun raġuni biex mandat kawtelatorju jista' jinħareġ promiskwament flok ieħor: u dan anki għaliex ir-rimedji jew reklami li debitur jista' jkollu fil-każ ta' mandat jistgħu ma jkunux japplikaw fil-każ ta' mandat ieħor. Terġa' fil-każ ta' mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni hemm partikolarità speċjali li ma toperax fil-każ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju u ċioè li l-Qorti ma toħroġ il-mandat jekk ma tkunx *soddisfatta li hu meħtieġ biex jitħarsu d-drittijiet tar-rikorrent* u li dan jidher "*prima facie*" li għandu dawn il-jeddijiet (art 876 (2) Kod. Proċ. Ċiv.).

Għalhekk fil-fehma tal-Qorti s-sekwestru in kwistjoni għandu jitqies li ġie irregolarment maħruġ u għandu jiġi revokat.

Għal **dawn** il-motivi u fis-sens **biss tal-konsiderazzjonijiet premessi** l-Qorti *tiddeċiedi billi tilqa'* l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talba ta' l-appellanti u in vista taċ-ċirkostanzi tordna li l-ispejjeż jibqgħu bla **taxxa.**